Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58 - Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2018

Data tal-laqgħa: 19 ta` Diċembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat Caruana – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

### RESIDENTI PREŻENTI:

19 –il resident kienu preżenti

# Minuti

Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 58.1 Introduzzjoni mis-Sindku

58.1.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għal-laqgħa annwali. Is-Sindku ta rendikont tal-ħidma li saret mill-Kunsill matul is-sena 2018.

## 58.2 Estimi Finanzjarji 2019

58.2.1 Is-Sindku spjega l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019.

## 58.3 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

58.3.1 Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri talab lir-residenti preżenti biex iressqu l-mistoqsijiet u suġġerimenti li għandhom.

58.3.2 Resident ilmenta dwar il-fatt li kien inqala` bank minn fejn l-istage *'Fontaine'* fi Triq il-Kbira u twaħħal aktar 'il fuq fl-istess triq. Dan kien jintuża regolarment min-nies li jkunu qed jistennew il-karozza tal-linja. Il-Kunsill qabel li dan il-bank jerġgħa jitpoġġa fejn l-istage.

58.3.3 Resident ieħor staqsa jekk kienx sar studju qabel mal-Kunsill iddeċieda li jagħmel Triq Ġuże` Bonniċi *one-way*. Il-Viċi Sindku qal li l-istudju kien sar flimkien mal-espert li kien fassal it-*Traffic Management Plan* għal-lokalita`.

58.3.4 L-istess resident semma applikazzjoni għall-żvilupp (PA/11034/18) fi Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer u talab li l-Kunsill joġġezzjona għal dan l-iżvilupp. F`din l-applikazzjoni qed jiġi propost numru ta` garaxxijiet *basement,* numru ta` ħwienet *groundfloor* u numru ta` appartamenti fis-sulari l-oħra. Il-Kunsill qal li ma kienx infurmat b`din l-applikazzjoni, għalhekk ser tiġi ċċekkjata l-applikazzjoni u l-Kunsillier Daniel Muscat Caruana ser jiġbor l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi ssottomessa l-oġġezzjoni mill-Kunsill.

58.3.5 Resident ieħor ilmenta dwar il-fatt li qed idum ma jinġabar l-iskart. Il-kuntrattur preżenti ġie nfurmat biex iżomm mal-ħinijiet. Il-Kunsill qal li l-kuntrattur li kellna waqqaf il-kuntratt, u l-Kunsill kellu jqabbad kuntrattur ieħor sakemm tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Din is-sejħa ħarġet u kif jagħlqu, jiġu evalwati s-sottomisjonijiet biex jiġi ffirmat kuntratt ġdid .

58.3.6 Il-kumplament tar-residenti preżenti kellhom l-ilmenti fuq il-proġett ta` rikostruzzjoni tal-Wied ta` Ħal Balzan li qed isir minn *Infrastructure Malta*. L-ilmenti kienu fuq id-dewmien fix-xogħlijiet għax suppost it-triq kellha tkun lesta f`Settembru 2018, l-ammont esaġerat ta` trabijiet li qed ikun hemm u n-nuqqas kbir ta` saħħa u sigurta` ta` min jgħaddi mit-triq, kif ukoll tal-ħaddiema. Ilmentaw ukoll dwar il-fatt li l-*barriers* tal-plastik qed jiċċaqalqu bir-riħ għax ma jimlewhomx bl-ilma. Dawn qed jigirfu l-karozzi kif ukoll ikunu ta` periklu kbir għax peress li jiċċaqalqu, jinkixfu trinek kbar, u n-nies jistgħu iweġġgħu serjament. Qed jilmentaw ukoll li dan id-dewmien kollhu huwa kkawżat peress lix-xogħlijiet qed idumu ftit siegħat biss kull ġurnata. Diversi drabi, ma jkunx hemm xogħlijiet għaddejjien għal ġranet sħaħ.

58.3.7 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana qal li xahar ilu bagħat *email* lill-Ministru Ian Borg, fejn talbu li ssir laqgħa flimkien mar-residenti tat-triq. Il-Ministru rrakkomanda li jiltaqa` mal-Inġinier Fredrick Azzopardi. F`din il-laqgħa spjegawlu lid-dewmien ġie kkważat minħabba li nstabu *mains* minn żmien l-Ingliżi u li ma kienx hemm dokumentazzjoni tagħhom. Qalulu wkoll li ser jinbidlu s-servizzi tad-drenaġġ minn fejn il-*Pasta Factory* sa fejn *Costa Coffee.*

58.3.8 Is-Sindku qal lit-*timeframe* lix-xogħlijiet jitlestew f`Settembru kien għax il-Ministru kien mingħalih li ser isir *resurfacing* u mhux *reconstruction*. Qal ukoll li sabu kumplikazzjonijiet kbar fejn jidħlu s-servizzi.

58.3.9 Dwar ħsarat li ġarrbu, ir-residenti għandhom jgħaddu l-*claim* tagħhom direttament lill-*Infrastructure Malta.*

58.3.10 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qal li fl-opinjoni tiegħu, ir-residenti qed jagħmlu għaġeb kbir għalxejn għax proġetti bħal dawn bil-fors ikollhom il-problemi. **<Is-Sur Zammit Marmara` ilmenta wkoll mill-fatt li hemm min minn barra l-Kunsill qed jagħmel kapital politiku partiġjan mid-diffikultajiet ta` dan il-proġett billi kull darba jinfurma lill-*Net News* biex dawn iġibu rapport.>**

58.3.11 Ħadd mir-residenti ma qabel mal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`, fejn stednuh imur f`din it-triq biex jara b`għajnejh stess il-problemi kbar li qed jaffaċċjaw ir-residenti.

58.3.12 Il-Kunsillier Joe Galea qal li min-naħa tal-Kunsill, ir-residenti dejjem sabu *backing*, u personalment mar diversi drabi jkellem lill-ħaddiema fuq il-post, kif ukoll kellem lill-Perit ikkonċernat. Is-SE qalet li kull ilment li jidħol, qed jintbagħat immedjatament lill-Perit inkargat mill-proġett.

58.3.13 Resident qal li minħabba t-traskuraġni tal-kuntrattur, qed ibagħtu r-residenti. L-istess resident qed jissuġġerixxu li jsir Protest Ġudizzjarju bil-firem tar-residenti u bil-*backing* tal-Kunsill. **<Il-*Minority Leader* Laburista ma jaqbilx fuq dan is-suġġeriment.>**

58.3.14 Il-Viċi Sindku qal li ġie nfurmat lix-xogħlijiet se jiefqu minħabba l-festi minn nhar il-Ġimgħa 21 ta` Diċembru 2018 u jerġgħu jibdew f`Jannar 2019. Il-parti ta` bejn Triq it-Tabib J. Zammit u Triq il-Kbira ġiet magħluqa. Il-Kunsill ser jibgħat lill-Perit responsabbli sabiex jagħlu ċert li ma jħallux trabijiet, jimlew il-ħofor perikolużi li hemm u jimlew il-*barriers* tal-plastik bl-ilma biex la jersqu bir-riħ u lanqas iressquhom xi nies biex jippruvaw jgħaddu xorta.

58.3.15 Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri irringrazzja lir-residenti li kienu preżenti talli attendew għal din il-laqgħa.

58.3.16 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 21 ta` Jannar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |